**15 ta' Diċembru, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

Lilian Galea

*versus*

Perit Joseph Genovese

## Żgumbrament – Kap. 69 – Definizzjoni ta' Kerrej

*L-attriċi fittxet għall-iżgumbrament tal-konvenut għaliex ikkontendiet illi żewġha kien l-inkwilin.*

*Il-Kap. 69 jiddisponi illi kerrej tfisser ukoll l-armla tal-kerrej basta li fiż-żmien tal-mewt ma tkunx mifruda minnu legalment jew fil-fatt. Irriżulta illi kienet di fatto separata fid-data tal-mewt u għalhekk it-talba attriċi ġiet miċħuda.*

Il-Qorti: –

Rat l-Avviż ta' l-attriċi Lilian Galea fejn talbet lill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija għall-Gżira ta' Malta tiddikjara u tiddeċidi li hija l-inkwilina legali tal-fond 105, St. Mary Street, Sliema, bħala armla tal-mejjet Dr. Eric Galea li miet fit-8 ta' Lulju, 1985. Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Għall-fini tal-kompetenza l-kera hija ta' Lm16 fis-sena;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut tal-5 ta' Merjju,

1986, li biha huwa eċċepixxa:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni hi inammissibbli għaliex id-domanda timplika li l-attriċi qiegħda titlob parir legali lill-Qorti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess id-domanda għandha tiġi miċħuda billi fil-mument tal-mewt ta' l-inkwilin l-attriċi kienet qiegħda tgħix separata minn miegħu u ma kinitx toqgħod fil-post in kwistjoni;

Rat il-verbali tat-8 ta' Lulju, 1986, li bih il-konvenut irtira l-eċċezzjoni preliminari fuq imsemmija;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, u dan fl-20 ta' Mejju, 1987 li biha dik il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha u dan wara li rat u kkunsidrat dan li ġej u ċjoè illi:

1. Irriżulta li l-attriċi hija l-armla tat-Tabib Dottor Eric Galea li miet fit-8 ta' Lulju, 1985;

2. L-attriċi u Dottor Galea żżewġu xi tletin sena ilu, u *mill-ewwel marru joqogħdu fil-post fuq indikat, 105, St. Mary* Street, Sliema. Dan allura kien ġà mikri lil Dottor Galea;

3. Fil-kors ta' dan iż-żwieġ l-attriċi kellha erbat itfal. Hija baqgħet toqgħod fil-post imsemmi, flimkien ma' żewġha u t-tfal sat-13 ta' Jannar, 1985;

4. Minn xi żmien qabel din id-data, l-attriċi u żewġha

bdew ikollhom l-inkwiet bejniethom. Dan l-inkwiet skond l-attriċi aggrava ruħu tant li fit-13 ta' Jannar, 1985, hija telqet mid-dar peress, kif xehdet hi, li l-ħajja tagħha ma' żewġha kienet saret impossibbli marret toqgħod għand oħtha;

5. F'Marzu, 1985 sar tentattiv ta' rikonċiljazzjoni bejn l-attriċi u żewġha, u rritornat id-dar mal-familja. Dan it-tentattiv però falla, u wara xi tmint ijiem, l-attriċi reġgħet telqet;

6. Fit-12 ta' Mejju, 1982, iżżewwġet it-tifla l-kbira, Jacqueline, ta' l-attriċi. F'din l-okkażjoni, fuq rikjesta ta' Dottor Galea bit-telefon, l-attriċi reġgħet marret toqgħod mal-familja fil-fond 105, St. Mary Street, Tas-Sliema. B'danakollu, wara li kienet hemm għal xi ftit granet, dak in-nhar stess tat-tieġ ta' bintha l-attriċi ma rritornatx id-dar ta' żewġha. Mir-riċeviment tat-tieġ telqet dritt għand oħtha;

7. B'rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju, 1985, l-attriċi bdiet il-proċeduri kontra żewġha għas-separazzjoni personali. Sadanittant baqgħet tgħix għand oħtha, Ħal-Balzan. Baqgħet tgħix hemm sa meta miet Dottor Galea. Kien il-kappillan, Patri Sylvester Magro li nfurmaha bit-telefon bil-mewt ta' żewġha. Allura wara li kien miet żewġha, l-attriċi ddeċidiet li terġa' tmur toqgħod fid-dar in kwistjoni. Hekk għamlet, u marret toqgħod hemm ma' uliedha;

8. Sa minn qabel ma kien iżżewweġ lill-attriċi, l-inkwilin tal-fond "*de quo*" kien Dottor Galea. Il-proprjetarja kienet Imelda Brincat. Wara li miet Dottor Galea, Brincat irċeviet il-kera tad-dar mingħand ulied l-attriċi, u r-riċevuta relattiva għamlitha f'isimhom. Di fatti dawn it-tfal ippretendew li l-lokazzjoni tal-fond, wara l-mewt ta' missierhom, kienet tispetta

lilhom ad esklużjoni ta' l-attriċi. In segwitu, u preċiżament fid-19 ta' Marzu, 1986, Imelda Brincat biegħet *il-fond lill-konvenut;*

9. L-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini Kapitolu 109 (illum Kapitolu 69), tiddisponi li l-kelma "kerrej" tfisser ukoll l-armla tal-kerrej basta li fiż-żmien tal-mewt tal-kerrej ma tkunx mifruda minnu legalment jew fil-fatt;

10. Irriżulta mill-premess li fid-data tal-mewt ta' Dottor Galea, l-attriċi kienet separata *di fatto* minnu. Għalhekk f'dik id-data, il-lokazzjoni tal-fond in kwistjoni ma għaddietx favur tagħha. Ma jirriżultax li wara dik l-istess data sallum l-attriċi b'xi mod akkwistat dik il-lokazzjoni. L-attriċi mhiex l-inkwilina tal-fond;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attriċi Lilian Galea ppreżentata fis-27 ta' Mejju, 1987, li biha talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex *jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti Ċivili* tal-Maġistrati ta' l-20 ta' Mejju, 1987 billi fil-waqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut takkolji t-talba ta' l-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat ippreżentata fl-4 ta' Ġunju, 1987;

Rat l-atti kollha relevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel Qorti bis-sentenza tagħha ta' l-20 ta' Mejju,

1987, kienet iddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talba ta' l-attriċi bl-ispejjeż kontriha. L-attriċi interponiet appell minn din is-sentenza għal quddiem din il-Qorti u resqet bħala aggravju li l-ewwel Qorti kienet ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq interpretazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-liġi kif inkwadrati fid-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini Kap. 109 (illum Kapitolu 69). Rigward l-allegata interpretazzjoni ħażina tal-fatti mill-ewwel Qorti l-appellanti ssostni li l-provi jindikaw li mhux veru kien wara l-mewt ta' żewġha li l-attriċi kienet iddeċidiet li terġa' tmur toqgħod fil-fond in kwistjoni. In fatti wara li kienet telqet mid-dar konjugali fit-13 ta' Jannar, 1985, hija kienet irritornat darbtejn hemmhekk, f'tentattiv ta' rikonċiljazzjoni. Rigward it-tieni aggravju tagħha l-appellanti ssostni li minn kif jirriżultaw il-fatti ma kienx hemm separazzjoni *"de facto"* bejn il-partijiet kif trid il-liġi;

Illi mill-provi prodotii mill-partijiet fil-kawża jirriżulta li l-attriċi kienet miżżewġa lit-Tabib Eric Galea xi tletin sena. Mill-ewwel kienu marru joqogħdu fil-fond 105, St. Mary Street, Sliema, u miż-żwieġ tagħhom huma kellhom erbat itfal. Il-fond *"de quo"* kien ġà f'idejn ir-raġel b'titolu ta' lokazzjoni u dan minn qabel iż-żwieġ tagħhom. Matul il-ħajja konjugali tagħhom huma kellhom ħafna inkwiet. In fatti l-appellanti tallega li żewġha kien jaħqarha billi jsawwatha u jibdilha. Dan l-inkwiet ta' bejniethom żdied maż-żmien u aggrava ruħu tant, li l-attriċi fit-13 ta' Jannar, 1985, qabdet u telqet 'il barra mid-dar. It-tfal kienu baqgħu jgħixu ma' missierhom u jidher ukoll li lanqas magħhom ma kienet tingwalha;

Illi r-raġel ta' l-appellanti kien miet fit-8 ta' Lulju, 1985 xi sitt xhur wara li kienet telqet mid-dar konjugali. F'dan il-perijodu Dottor Galea ġieli ċemplilha biex jirrikonċiljaw u biex

hi terġa' tmur id-dar. Din però ma għamlitx hekk anzi kienet tirriferi għall-istess bħala "maqjel" u *"Concentration Camp"*. Fil-fatt però f'Marzu, 1985 hija kienet marret lura d-dar f'tentattiv ta' rikonċiljazzjoni. Dan it-tentattiv ma kienx suċċess u falla. Effettivament kien wara xi ftit żmien biss li hija qabdet u reġgħet ħarġet mid-dar. F'Mejju ta' l-istess sena hija kienet reġgħet marret lura fid-dar u dan fuq talba ta' l-istess żewġha billi binthom Jacqueline kienet sejra tiżżewweġ fit-12 ta' Mejju, 1985. Hija damet hemm perijodu qasir sat-tieġ biss u dak in-nhar stess immedjatament wara li kien spiċċa t-tiġi reġgħet telqet 'il barra mid-dar konjugali. Wara xi ħmistax-il ġurnata mit-tieġ, l-attriċi appellanti kienet inizjat il-proċeduri għas-separazzjoni personali minn ma' żewġha;

Illi għall-ħabta ta' Lulju l-attriċi appellanti kienet ġiet infurmata minn Patri Silvestru Magro, il-kappillan tas-*"Sacro Cuor"* li żewġha kien jinsab serjament marid u kienet ċemplet biex toffri li tmur iddur bir-raġel id-dar, però t-Tabib Galea Debono kien kellimha u ddiswadiha li tmur u b'hekk baqgħet ma marritx. Fit-8 ta' Lulju, 1985, miet ir-raġel tagħha. Effettivament kien f'dan il-mument li l-attriċi appellanti kienet iddeċidiet li tmur toqgħod fid-dar in kwistjoni u *del resto* dan qalitu hi stess fix-xiehda tagħha: "In segwitu ttelefonali l-Kappillan tas-*"Sacro Cuor"*, Father Silvestru Magro u informani minn fuq it-*'telephone'* illi żewġ kien miet. Allura jien iddeċidejt illi mmur id-dar" (fol. 9);

Illi mill-provi għalhekk jirriżulta li l-appellanti kienet ħarġet mid-dar konjugali f'Jannar, 1985, definittivament, u mill-komportament tagħha sussegwenti ma jidhirx li kellha l-intenzjoni li terġa' tirritorna hemm. Hi kienet tikkonsidra dik id-dar bħala "maqjel" u *"Concentration Camp"* u ma kellhiex

ħsieb li toqgħod hemm aktar. Sadanittant hija kienet ukoll bdiet il-proċeduri li jwasslu għas-separazzjoni personali. *Di più* minn kliemha stess jirriżulta li kien wara l-mewt ta' żewġha li hi għamlet il-ħsieb li tmur tabita fid-dar in kwistjoni. Kwindi kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha fid-data tal-mewt ta' Dottor Galea hija kienet separata *di fatto* minn żewġha għall-finijiet tal-Kap. 109 (illum Kapitolu 69) *''Reletting of Urban Property''*;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ta' l-20 ta' Mejju, 1987;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati mill-attriċi appellanti.